# Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara

**c/o 89, 'Sancte Joseph', Triq ir-Rnella, il-Kalkara KKR 1230 Malta**
**Tel: 00356 21804542, 79206791** **VO/1440**
**Email: info@wirtilkalkara.com** **Web: www.wirtilkalkara.com**

Rev.du Kappillan
Mons. Nicholas Pace
Uffiċċju Parrokkjali
Misraħ Arċisqof Gonzi
Il-Kalkara

6 ta' Jannar 2025

Suġġett: **Restawr tal-Pitturi tal-Kappelluni**

Għażiż Rev.du Kappillan,

Il-Kumitat tal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara għandu l-intenzjoni li japplika għall-fondi taħt l-iskema Restoration Funding Scheme 2025 maħruġa mill-Kunsill Malti għall-Arti. L-intenzjoni tal-Kumitat hija li japplika sabiex jiġu restawrati ż-żewġ pitturi tal-artali tal-kappelluni, jiġifieri dak tal-Madonna tar-Rużarju jew ta' Pompei xogħol Giuseppe Calì (1846-1930) u dak tal-Immakulata Kunċizzjoni xogħol Filippo Fortunato Venuti.

Il-pittura tal-Madonna tar-Rużarju taħt it-titlu ta' Pompei saret fl-1896 għall-artal fil-Knisja Parrokkjali preċedenti li sar mill-marmista Taljan Mariano Russo. Dawn iż-żewġ opri kienu tħallsu mill-benefattur Antonio Bezzina. Mill-banda l-oħra, il-pittura tal-Immakulata Kunċizzjoni saret fl-1898 għall-artal fil-Knisja Parrokkjali preċedenti li ukoll sar mill-marmista Russo. Għalkemm il-Knisja Parrokkjali preċedenti ġiet meqruda kompletament fit-Tieni Gwerra Dinjija, fortunatament dawn iż-żewġ pitturi ġew salvati wara li kienu ttieħdu Għawdex fuq struzzjonijiet tal-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

Illum il-ġurnata dawn il-pitturi għandhom diversi ħsarat, fosthom tiċrit fit-tila, tbajja, xquq, telf fil-kulur u depożiti ta' ħmieġ akkumulat matul iż-żmien. Għaldaqstant, dawn iż-żewġ opri jeħtieġu restawr imminenti.

L-intenzjoni tal-Assoċjazzjoni hija li dan ir-restawr isir minn ditta professjonali, Atelier del Restauro taħt id-direzzjoni tas-Sa. Valentina Lupo, kif mitlub mill-istess linji gwida ta' din il-miżura. Sabiex issir il-konservazzjoni meħtieġa qed jiġi propost dan il-*method statement* bażiku:

1. Iż-żarmar tal-pitturi mill-prospettivi tagħhom.
2. Trasport lejn il-laboratorju tad-ditta professjonali li ser tagħmel dan ix-xogħol.
3. Tindif ta' trabijiet u ħmieġ ieħor, verniċ u materjal ieħor li akkumula fuqhom matul iż-żmien.
4. Tiswija ta' xquq u tiċrit.
5. Irtukkjar ta' żebgħa fejn meħtieġ.
6. Jingħata passata b'materjal protettiv jew verniċ fejn meħtieġ.
7. Tindif u rtukkjar tal-gwarniċi indurati.
8. Trasport lura u armar tal-pitturi fil-prospettivi tagħhom.

Kif jitlesta dan ir-restawr iż-żewġ pitturi jkunu lura fil-Knisja għat-tgawdija tal-poplu kollu matul is-sena kollha. Sadanittant, l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara tiddikjara dan li ġej:

1. L-applikazzjoni għal dan ir-restawr sabiex possibilment niksbu dawn il-fondi tfisser li l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara ser tkun qed toħroġ kwalunkwe spejjeż jew bilanċi oħra relatati.

# Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara

**c/o 89, 'Sancte Joseph', Triq ir-Rnella, il-Kalkara KKR 1230 Malta**
**Tel: 00356 21804542, 79206791** **VO/1440**
**Email: info@wirtilkalkara.com** **Web: www.wirtilkalkara.com**


B'hekk il-Parroċċa tal-Kalkara mhux ser tkun qed tiffinanzja l-ebda spejjeż marbuta ma' dan il-proġett.

2. Il-pitturi ser jibqgħu propjetà assoluta tal-Parroċċa għall-użu esklussiv tagħha. Dan ifisser li l-użu tagħhom huwa biss għad-diskrezzjoni tal-Parroċċa u l-Kappillan *pro tempore* tagħha.

Għaldaqstant, qegħdin nitolbu l-approvazzjoni tiegħek u tal-Kurja Arċiveskovili sabiex inkunu nistgħu napplikaw f'dan ir-rigward u eventwalment isir ix-xogħol meħtieġ. Minn naħa tagħna nkunu nistgħu nipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja li tiġi mitluba.

Tislijiet,

Kav. Duncan Brincat B.Com. (Hons.), OBSS
**Segretarju**